**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-11 ta' Lulju, 2019**

**Talba Numru: 163/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 28.**

**GO plc (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Olga Bakogiorgou u li b'digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 giet nominata**

**Dr Yanika Bugeja Kuratur Deputat sabiex tirraprezenta**

**l-interessi tal-istess intimata**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta attrici fit-23 ta' April 2018 li permezz tieghu l-istess socjeta' talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallasha s-somma ta' elfejn erba' mija u disghin ewro u sebghin centezmu (€2,490.70c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40345341.

Ra r-risposta ta' Dr Yanika Bugeja noe a fol 36 li permezz taghha eccepiet li hija ghadha mhix edotta mill-fatti; li minkejja li fit-talba jidher li kienet mehmuza numru ta' dokumenti l-esponenti ma kienetx notifikata bl-istess u ghalhekk tirrizerva li tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri; li l-esponenti qed tecepixxi l-preskrizzjoni.

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici.

Ra li l-kurattrici noe baqghet ma prezentat ebda provi u lanqas infurmat lit-Tribunal a bazi ta' liema Artikolu qed l-eccezzjoni taghha rigward il-preskrizzjoni u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Ikkunsidra ghalhekk li mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici ppruvat it-talba taghha u ghalhekk qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u disghin ewro u sebghin centezmu (€2,490.70c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali numru 80/16 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 80/16 a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**